SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 32/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 06/08/'13** **32**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 06/08/'13** **42**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 6 t'Awwissu 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Assenti: Il-Membru Michael La Rosa

1.05 Skużati: Is-Sindku Peter Bonello

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-1 t'Awwissu 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta’ Membru
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Minuti 31b/KA1/13 ser jiġu pprezentati fil-laqgħa li jmiss.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P446 Email mingħand is-Sur Kevin Bugeja rigward it-trinka fuq il-bankina fi Triq San Ġużepp.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P446

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward trinka fuq il-bankina fi Triq San Ġużepp li saret minn Polidano Bros. Ltd. għan-nom tal-Melita plc. Ġie deċiż li l-Kumitat jinforma l-Amministrazzjoni tal-Kunsill dwar jekk ir-reinstatement tal-bankina jkunx sar. Dan biex il-Kumitat ikun jista’ jkompli jieħu l-azzjoni neċessarja.

**3 Rapport Finanzjarju sal-30 ta’ Ġunju 2013**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b’kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta’ Ġunju 2013 (Ara Appendiċi ‘A’).

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta’ dan ir-rapport.

3.03 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

3.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4. Aġġornament - *Co-option* ta' Membru**

4.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kumitat li għalissa m'għandu lil ħadd li jista' jiġi co-opted.

**5 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Iċ-Ċermen reġa' rrimarka dwar in-nuqqas ta' sorveljanza mill-Pulizija minħabba d-diżordni li hemm fi Triq Paceville. Dan minħabba sewqan eċċessiv, karrozzi bil-mużika għolja fis-sigħat bikrin ta' fil-għodu, u nuqqas ta' Pulizija għall-kontroll tat-traffiku.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Membru Joe Oliva pproponihom.

6.03 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 245 sa nru. 247 għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'C').

7.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2013 fl-10.00a.m.

7.05 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-11.00a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**